MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 15/2011

**Customs & Freight Agency Limited (C17475)**

**vs**

**Rosario Tabone**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Jannar 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti prevja kull dikjarazzjoni opportuna fi zmien qasir u perentorju illi hekk tordna din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef tlett mija w sitta w sittin Ewro (€4,366.00) rapprezentanti din is-somma spejjez u drittijiet dovuti lis-socjeta' rikorrenti ghall-ipparkjar u t-taghbija ta' oggetti personali tieghu mill-Ingilterra ghal Malta u s-servizzi kollha relatati w ancillari kif jindika l-anness invoice immarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ingunt minn issa in subizzjoni u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Julian Caruana datata 26 ta' Mejju 2011 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-ghassa tal-Pulizija w fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 14 tergo).

Rat illi l-konvenut gie notifikat bir-rikors permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar il-31 ta' Mejju 2011 (fol 13) u fil-gazzetta lokali In-Nazzjon nhar il-11 ta' Gunju 2011 (Dok CFA 1).

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tas-7 ta'' Lulju 2011.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta Lulju 2011 l-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma t'erbat elef tlett mija w sitta w sittin Ewro (€4,366) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------